**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 20 TA' SETTEMBRU, 2002**

**Avviz Numru 1432/02 AJD**
**UCIM Co. Limited**

**vs**

**Grech Fashions Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta' Gunju, 2002, fejn gie mitlub li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' sitt mija u wiehed u sebghin lira Maltin (Lm671.00) rappresentanti import ta' hames kambjali, wahda ta' Lm117.00 (bilanc), tlieta ta' Lm140.00 il-wahda, u wahda ta' Lm134.00, debitament accettati u skaduti minn Gunju 2001 sa Ottubru 2001 rispettivament u mhux imhallsa (Dok. 1 sa 15.

Bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sat-28 ta' Mejju 2002 jammontaw ghal Lm48.00, oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament

effettiv u bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-21 ta’ Frar 2002 kontra s-socjeta’ konvenuta.

Ra li s-socjeta’ konvenuta debitament notifikata, baqghet ma dehritx u lanqas ma prezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ Dr. Neville Camilleri in rappresentanza tas-socjeta’ attrici, li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna llis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ sitt mija u wiehed u sebghin lira Maltin (Lm671.00) bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjes ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-21 ta’ Frar 2002 ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta’ konvenuta skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**